**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 218/2019 JZM**

**Vertical Group Holding Limited (C52240)**

***u***

**Jacob Agam detentur ta` passaport ta` l-Istat ta` Izrael numru : 23418936, proprio fil-kapacita` ta` direttur tal-proprjeta` beneficcjarja tal-imsemmija kumpannija Vertical Group Holdings Limited debitament rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu l-Avukat Dottor Pio Valletta**

***kontra***

**BNP Paribas S.A. Numru ta` Registrazzjoni tal-Kumpannija : B662 042449 E.C. Identifier : fr76662042449 ta` 16 Boulevard des Italiens, Parigi, 75009, Franza**
***u***

**Jean Lemierre, Chairman tal-imsemmi bank, ta` 16, Boulevard des Italiens, Parigi, 75009, Franza**

***u***

**Jean-Laurent Bonnafe`, Chief Executive Officer tal-imsemmi bank ta` 16, Boulevard des Italiens, Parigi, 75009, Franza**

***u***

**Valerie Lafarge-Sarkozy ta` 45, Rue de Tocqueville, Parigi, 75017, Franza**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezentat il-konvenuta BNP Paribas S.A. fit-13 ta` Novembru 2020 fejn, a tenur tal-Art 229(3) tal-Kap 12, talbet permess sabiex tinterponi appell minn digriet ta` din il-qorti tal-11 ta` Awissu 2020.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentat il-konvenuta BNP Paribas S.A. fit-13 ta` Novembru 2020.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` Novembru 2020.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-atturi fis-6 ta` Jannar 2021.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Jannar 2021.

Rat in-nota li pprezentat il-konvenuta BNP Paribas S.A. fl-14 ta` Jannar 2021.

Semghet is-sottomissjonijiet li saru fl-udjenza tal-kawza tal-4 ta` Frar 2021.

Rat il-gurisprudenza li kienet citata miz-zewg nahat.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fl-ewwel dehra tal-kawza, u cioe` l-udjenza tal-25 ta` April 2019, il-partijiet inghataw direzzjoni sabiex iressqu provi limitatament dwar l-eccezzjonijiet li jirrigwardaw il-gurisdizzjoni tal-qorti, u cioe` l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuta Lafarge-Sarkozy, u l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra.

Il-konvenuti ghalqu l-provi taghhom dwar dawn l-eccezzjonijiet fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2019, waqt li l-atturi bdew iressqu l-provi taghhom dwar l-istess eccezzjonijiet fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2019. Il-provi tal-atturi ghadhom mhux maghluqa. Fil-fatt il-kontroezami tal-attur Jacob Agam ghadu mhux konkluz.

Fit-18 ta` Gunju 2020, l-atturi pprezentaw zewg tahrikiet ta` xhieda fejn talbu lill-qorti sabiex tordna lill-konvenuti Jean-Laurent Bonnafe` u Jean Lemmiere (it-tnejn residenti fi Franza) sabiex jidhru fl-udjenza tat-13 ta` Lulju 2020 sabiex jaghtu x-xiehda taghhom bhala persuni mharrka mill-atturi. Iz-zewg tahrikiet kienu akkordati mill-qorti fil-25 ta` Gunju 2020. Fis-7 ta` Lulju 2020, il-konvenuta BNP Paribas S.A. talbet ir-revoka *contrario imperio* taz-zewg tahrikiet ghaliex sostniet li l-ingunzjonijiet kienu rriti u nulli billi ma kenitx segwita l-procedura applikabbli ghall-kumpilazzjoni ta` xhieda relattiva ghal xhud li jkun residenti barra minn Malta. Fil-11 ta`Awwissu 2020, il-qorti cahdet it-talba tal-konvenuta BNP Paribas S.A. L-istess konvenuta talbet permess sabiex tinterponi appell

**Ikkunsidrat :**

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-10 ta` Awwissu 1953 fil-kawza fl-ismijiet "**Baldacchino v. Bellizzi**" kien inghad li hemm tliet xorta ta` digrieti skont il-ligi taghna : dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Hemm differenza bejn sentenza definitiva u digrieti interlokutorju

ghaliex filwaqt li sentenza hija pronunzjament tal-qorti li "*terminat negotium de quo agitur"* digriet interlokutorju *"non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam"* (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta` Jannar 1942 fil-kawza "**Busuttil v. Ellul Sullivan**") Tajjeb li jkompli jinghad illi fil-kaz ta` digrieti li la huma definittivi u lanqas interlokutorji ma hemmx dritt ta` appell. Fil-kaz tal-lum, il-konvenuta/rikorrenti qeghda tinsisti li ghalkemm id-digriet tal-11 ta` Awwissu 2020 inghata *in camera* d-digriet min-natura tieghu kien interlokutorju. Proprju ghalhekk talbet permess sabiex tinterponi appell minnu skont l-Art 229 tal-Kap 12 li hija d-disposizzjoni li tirregola kif u meta jistghu jsiru appelli minn digrieti interlokutorji. Il-qorti hija tal-fehma li d-digriet tal-10 ta` Awwissu 2020 huwa interlokutorju billi jittratta l-ammissjoni/producibilita` ta` xhieda fil-perkors ta` kawza (ara s-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tal-20 ta` April 1989 fil-kawza fl-ismijiet "**Tabib Joseph Grech v. Mary Grech**"). Billi mhuwiex digriet interlokutorju tan-natura ndikata fis-subartikoli (1) u (2) tal-Art 229 jghodd ghalih is-subartikolu (3).

**Billi l-qorti jidhrilha li jkun ahjar u gust li l-mertu tad-digriet taghha tal-10 ta` Awwissu 2020 jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tinghata sentenza definittiva.**

**Tilqa` t-talba tal-konvenuta BNP Paribas S.A. kif dedotta fir-rikors taghha tat-13 ta` Novembru 2020, billi taghtiha permess specjali sabiex tappella mid-digriet taghha tal-10 ta` Awwissu 2020.**

**L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**